MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Numru. 896/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs.**

**Stephen Galli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Stephen Galli**, ta' tmienja u erbghin (48) sena, bin il-mejjet John u Carmen xebba Ellul, imwieled l-Istati Uniti tal-Amerika nhar it-22 ta' Awwissu 1964 u residenti gewwa l-fond 17, Triq San Girgor, Sliema, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 191009L, akkuzat talli:

1. nhar l-4 ta' Settembru 2012 ghall-habta tal-17:30hrs gewwa Sliema kkommetta serq ta' oggetti tal-fidda u oggetti ohra ghad-dannu ta' Anthony Attard (I.D. Nru. 78051(M)) u/jew persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. fl-istess cirkustanzi kiser ordni moghtija mill-Qrati ta' Malta, Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., u cioé kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest li nghataw nhar it-18 ta' Novembru 2011 billi wettaq reat iehor;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definiti u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula skont Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' sejbien ta' htija, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha dwar l-inkjesta u l-periti skont il-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat il-*Proces Verbal* numru 977/12 redatt mill-Magistrat Dr. Edwina Grima (Dok. "CF 1" – *a fol.* 101 *et seq.*).

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 154) datata 8 ta' April 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 261(c), 267, 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-5 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 156), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-8 ta' April 2013 (*a fol.* 154), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi, fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 156), il-kawza giet differita ghas-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013 ghall-provi tad-difiza.

Rat illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 160), l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u li d-difiza ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 160), lill-imputat jammetti li huwa tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 160), lid-difiza titlob li jigi mhejji *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha.

Semghet, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 166), id-depozizzjoni moghtija mill-*Probation Officer* Gordon Grech li pprezenta l-*Pre-Sentencing Report* li gie mhejji minnu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "GG 1" (*a fol.* 167 *et seq.*) f'liema rapport gie rakkomandat is-segwenti:

> *"Ghaldaqstant, fid-dawl ta' l-informazzjoni migbura f'dan ir-rapport, qed jigi rrakomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Stephen Galli jinghata piena karcerarja sabiex b'hekk ikun jista' jpatti ghall-agir tieghu, filwaqt li jahdem dwar l-imgiba refrattarja, liema mgiba ilha tippersisti ghal diversi snin. Nissugerixxi wkoll li l-imsemmi jinghata l-opportunità li fl-ahhar tas-sentenza karcerarja li jekk dejjem ikun possibbli u misthoqq, l-ikkoncernat jaghmel program ta' riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga"* (*a fol.* 174 *tergo*).

Semghet, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 195 *et seq.*), is-sottomissjonijiet finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat irregistra l-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu fi stadju avvanzat ferm ta' dawn il-prcoceduri, u cioé wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat il-provi taghha bhala maghluqa.

Illi x-xhieda tal-Prosekuzzjoni kienu jikkonsistu fis-segwenti:

- Id-derubat Anthony Attard (*a fol.* 20 *et seq.*), li ezebixxa numru ta' dokumenti, fosthom ritratti (Dok. "AA 1 sa "AA 3" – *a fol.* 24 *et seq.*) u stima tal-affarijiet li baqghu ma gewx ritornati lura lilu (Dok. "AA 4" – *a fol.* 27)[1].
- Liliana Attard (*a fol.* 28 *et seq.*) li tigi mart id-derubat.
- L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Saviour Baldacchino (*a fol.* 31 *et seq.*, u *a fol.* 68), li ezebixxa s-segwenti dokumenti:
    - stqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "SB 1" – *a fol.* 33 *et seq.*);
    - lista (Dok. "SB 2" – *a fol.* 35 *et seq.*);
    - digriet u kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest (Dok. "SB 3" – *a fol.* 69);
    - sentenza (*a fol.* 150 *et seq.*).
- George Grech (*a fol.* 66 *et seq.*).
- PS 65 Noel Said (*a fol.* 88 *et seq.*) li pprezenta l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. "NS 1" (*a fol.* 76 *et seq.*).
- WPC 306 Claire Borg (*a fol.* 93 *et seq.*).
- Spettur Jesmond Micallef (*a fol.* 91) li pprezenta zewg sentenzi mmarkati bhala Dok. "JM 1" u "JM 2" (*a fol.* 81 *et seq.*).
- PC 1455 Daniel Frendo (*a fol.* 147 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom:

- <u>fuq naha wahda</u>: l-ammissjoni tal-imputat (li saret fl-istadju li d-difiza kellha tibda tressaq il-provi taghha), il-fatt li l-imputat ghandu problema tad-droga u l-fatt li l-imputat irritorna lura xi affarijiet misruqa u fl-istadju tal-investigazzjoni kkoopera mal-Pulizija tant li fl-istqarrija (*a fol.* 8 *et seq.*)[2] rilaxxata minnu lill-Ufficjal Prosekutur l-imputat ammetta li kien seraq pero ma ammettiex li originarjament kien bi hsiebu jisraq;

- <u>fuq in-naha l-ohra</u>: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tieghu (*a fol.* 3 *et seq.*), li hija wahda refrattarja, il-fatt li l-imputat kiser difrejgh mal-ligi diversi drabi u ma hax id-diversi cansijiet li tatu l-Qorti sabiex jirriforma hajtu, il-

[1] Minn Dok. "AA 4" jirrizulta li l-affarijiet nieqsa jiswew madwar €2920.00.

[2] Dan id-dokument huwa l-istess bhal dak immarkat bhala Dok. "SB 1" (*a fol.* 33 *et seq.*).

fatt li huwa recidiv, u kif ukoll ir-rakkomandazzjoni tal-*probation officer* fil-*Pre-Sentencing Report* redatt minnu (Dok. "GG 1" – *a fol.* 167 *et seq.*).

Illi, tenut kont ta' dan kollu, m'hemmx dubju li l-Qorti ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet addebitati lilu u b'hekk il-Qorti ser taderixxi ma' dak rakkomandat mill-*Probation Officer* li hejja l-*Pre-Sentencing Report* (Dok. "GG 1" – *a fol.* 167 *et seq.*).

Illi l-Qorti tinnota li mill-ebda wahda mis-sentenzi[3] ezebiti f'dawn il-proceduri ma jirrizulta li l-imputat diga gie trattat mat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u cioé dik li tirrigwarda ksur ta' kundizzjoni ta' helsien mill-arrest. *Di fatti*, dawn is-sentenzi gew lkoll moghtija qabel l-imputat inghata l-helsien mill-arrest fit-18 ta' Novembru 2011 imsemmi fit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq ammissjoni, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-8 ta' April 2013 b'mod partikolari Artikoli 49, 50, 261(c), 267, 279(b), 289 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Stephen Galli hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn u sitt (6) xhur prigunerija.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta' erba' mija u disgha u sittin Euro u erbgha u sittin centezmu (€ 469.64) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' espert f'dan il-kaz (*a fol.* 125 *tergo*).

Fl-ahhar nett, il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex minhabba l-problema ta' droga li ghandu l-imputat, waqt li l-istess imputat ikun qed jiskonta l-piena ta' prigunerija huwa jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista' jibda, isegwi u jispicca programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

[3] Dok. "JM 1" (*a fol.* 81 *et seq.*), Dok. "JM 2" (*a fol.* 86 *et seq.*) u sentenza li tinsab *a fol.* 150 *et seq.*.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------